C/2025/1677

13.3.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11734 — SQM / CODELCO / SQM SALAR JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/1677)

1. Fit-3 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Corporación Nacional del Cobre de Chile ("Codelco") (iċ-Ċilì), fl-aħħar mill-aħħar ikkontrollata mill-Istat Ċilen,

— Sociedad Quimica y Minera de Chile SA ("SQM") (iċ-Ċilì).

SQM u Codelco se jakkwistaw skont it-tifsira tal- Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tat-totalità ta' SQM Salar JV.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— SQM hija involuta fil-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' (i) litju u d-derivattivi tiegħu; (ii) jodju u d-derivattivi tiegħu; (iii) nutrizzjoni tal-pjanti ta' speċjalità (fertilizzanti); (iv) potassju u d-derivattivi tiegħu; u (v) kimiċi industrijali;

— L-attività ewlenija ta' Codelco hija li tesplora, tiżviluppa u tisfrutta r-riżorsi tal-estrazzjoni minerarja, kif ukoll tipproċessahom, biex tipproduċi ram raffinat u prodotti sekondarji, u mbagħad tikkummerċjalizzahom lill-klijenti madwar id-dinja.

3. SQM Salar JV għandha kuntratt mal-Gvern Ċilen rigward il-kiri u t-termini tal-kundizzjonijiet tal-isfruttament tal-litju fl-Atacama Salt Flat (iċ-Ċilì) sal-31 ta' Diċembru 2030. B'riżultat ta' dan, SQM Salar se tkun attiva fl-esplorazzjoni, l-iżvilupp u l-isfruttament tar-riżorsi tal-minjieri fiċ-Ċilì.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnotat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11734 – SQM / CODELCO / SQM SALAR JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË